MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 776/2005

**Kunsill Malti ghall-Isport**

**vs**

**Rea Ceramics Co. Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-kunsill attur fit-23 ta' Awissu, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Il-kunsill attrici harget sejha ghall-offerti fil-5 ta' Dicembru, 2003 sabiex jigi mibdul l-art tal-pixxina nazzjonali gewwa l-Gzira liema offerta ghalqet fis-17 ta' Dicembru, 2003;

Wiehed mill-offerenti kienet is-socjeta' konvenuta, li xethet offerta ghax-xoghol rikjest fis-somma ta' Lm18,846.25;

Wara evakwazzjoni tat-*tenders* mixhuta gie deciz li x-xoghol ghandu jinghata lis-socjeta' konvenuta;

Dan it-tender inghata lis-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra datata 8 ta' Jannar, 2004;

Skond il-kundizzjonijiet tas-sejha ghall-offerti, s-socjeta' konvenuta kellha ssegwi t-*technical specifications* ghal dik li hija tahlita;

Wara li s-socjeta' konvenuta bdiet ix-xoghol fuq l-art tal-pixxina nazzjonali tfaccew xi difetti konsistenti fix-xoghol li kien qed jsir, li partijiet ta' l-art tal-pixxina beda jinqata' minn ma' l-art ta' l-istess pixxina;

Il-kunsill attrici ilmentat minnufih kemm mal-perit imqabbad sabiex jissorvelja ix-xogholijiet kif ukoll mas-socjeta' responsabbli ghall-appalt, s-socjeta' konvenuta;

Wara d-diskussjonijiet bejn il-partijiet kollha koncernati gie deciz li jsir ezami xjentifiku tal-materjal u tat-tahlita uzata fl-appalt;

Mill-ezami xjentifiku irrizulta li fil-fatt it-tahlita ma kienetx skond ir-rekwiziti teknici formanti parti mis-sejha ghall-offerti kif ukoll l-ghotja ta' l-istess;

Rizultat ta' dan ix-xoghol maghmul hazin, il-Kunsill attrici mhux biss kellu jaghmel xogholijiet riparattivi estensivi izda ukoll sofra danni;

Is-socjeta' konvenuta, interpellata sabiex taddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni baqghet inadempjenti;

Talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara, okkorendo bin-nomina ta' periti nominati appositament, li x-xoghol ezegwit mis-socjeta' konvenuta ma kienx tal-kwalita' pattwita u t-tahlita ma kienetx skond ir-rekwiziti teknici tas-sejha ghall-offerti;

2. Tiddikjara konsegwentement ghall-ewwel talba, li l-Kunsill attrici m'ghandux jhallas l-ammont kuntrattat, miktub fit-*tender*, jew ghandu jhallas somma ohra verjuri;

3. Tiddikjara li l-Kunsill attrici sofriet danni rizultat tax-xoghol hazin ezegwit;

4. Tillikwida, konsegwentement, id-danni sofferti mill-Kunsill attrici, okkorendo bin-nomina ta' perit nominati appositament;

5. Tikkundanna konsegwentement lis-socjeta' konvenuta thallas id-danni likwidati fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez u l-imghax legali, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu, 2005 kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat li ghalkemm ic-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta, din baqghet ma resqet ebda nota tal-eccezzjonijiet fit-termini impost bil-ligi u hekk waqghet kontumaci;

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' konvenuta fis-17 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* tieghu talbet li tkun awtorizzata tintavola nota tal-eccezzjonijiet;

Rat ir-risposta tal-Kunsill Malti ghall-Isport ipprezentata fis-7 ta' Dicembru, 2005, li fiha oppona t-talba tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni fuq it-talba tas-socjeta' konvenuta kif kontenuta fir-rikors taghha tas-17 ta' Ottubru, 2005;

Ikkunsidrat;

Illi din id-decizjoni hija limitata sabiex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta' konvenuta mressqa fir-rikors premess datat 17 ta' Ottubru, 2005 sabiex tinghata lilha l-fakolta' li

tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk jidher li l-istess socjeta’ konvenuta qed titlob effettivament li tiggustifika l-kontumacja taghha.

Illi fil-fatt jinghad li fl-istess rikors l-istess socjeta’ konvenuta tammetti li hija tinsab fi stat ta’ kontumacja, stat legali li jimporta li giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u hija ma prezentatx fit-terminu moghti fil-ligi nota ta’ eccezzjonijiet.

Mill-atti tal-process jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta giet notifikata bl-att tac-citazzjoni fit-30 ta’ Awissu, 2005, u tallega li hi ma kienetx f’pozizzjoni li tintavola n-nota tal-eccezzjonijiet taghha qabel ma jsiru verifiki teknici u jigu kkonsultati esperti dwar l-materja tal-kaz.

F’dan il-kuntest, huwa rilevanti dak li ntqal fis-sentenza moghtija fil-21 ta’ Lulju, 2001, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Mizzi vs Mizzi”, fejn jinghad is-segwenti:

*“Indubbjament l-istatut ta’ kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma’ l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort’ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta’ kontumacja u disprezz da parti ta’ min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermetthiex”*.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet “Margaret Bugeja u Teresa Azzopardi vs Alfred Ellul”, deciza fit-13 ta’ Jannar, 1999, u affermat fis-sentenza “Lorraine Nejjar vs Zoher Ibrahim Nejjar”, deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-16 ta’ Marzu, 2005, il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkux zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"*.

8. L-impossibbilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tiga' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

(Ara wkoll XXV.i.323; Vol. XXXVI.i.338; Vol XXXXVI.ii.484; Vol XLIII.i.545, 605; Vol XLVI.i.533, 542, 545, 546 u ohrajn).

*"Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha" (vide* "Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 1999.

F'dan il-kaz, il-Qorti ma jirrizultalhiex xi raguni independenti mill-volonta' tal-kontumaci. Hu ried jiehu pariri teknici, *pero'*, ma kien hemm xejn xi jzommu milli jiehu dawn il-pariri – imqarr fuq bazi *prima facie* – u jressaq in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fit-terminu previst fil-ligi. Il-materja kienet ilha tigi diskussa bejn il-partijiet, u kienu anke saru diversi laqghat mar-rappresentanti tas-

socjeta' konvenuta, u allura c-citazzjoni li irceviet ma kienetx sorpriza ghaliha. Is-socjeta' konvenuta kienet taf il-pretensjoni tal-Kunsill attur x'kienet u, allura, darba li kien hemm divergenzi kellha tipprepara u tikkonsulta ruhu fuq dawk l-allegazzjonijiet. Jirrizulta wkoll li qabel il-presentata tac-citazzjoni, il-Kunsill attur, fl-4 ta' Marzu, 2005, ressaq ittra ufficcjali kontra s-socjeta' konvenuta, u din tal-ahhar, allura, altru milli kellha zmien biex taghmel il-verifiki teknici li riedet taghmel.

Din il-Qorti tara li meta persuna tircievi citazzjoni li, skond il-ligi, trid twiegeb ghaliha fiz-zmien 20 jum mid-data li tircievieha, hija trid tiehu l-interess biex tara li, jekk trid tikkontesta t-talba, tressaq n-nota tal-eccezzjonijiet fit-terminu a bazi tal-informazzjoni li jkollha; jekk ikun hemm bzonn, tidhol f'aktar dettal fid-difiza taghha fl-istadju ulterjuri tal-kawza. L-eccezzjonijiet mhux mehtiega li jkunu precis fid-dettalji taghhom, u jkun bizzejjed jekk konvenut jirregistra l-oppozizzjoni tieghu ghat-talba b'mod generali. Li, *pero'*, dak li jkun, minghajr ragunijiet serji, jinjora l-ordni tal-Qorti u jibqa' ma jressaqx il-kontestazzjoni tieghu, ikun qed juri dispett lejn l-awtorita' tal-Qorti jekk, wara li jkun skadilu t-terminu, jitlob li jikkontesta l-kawza ghax issa qed jhossu komodu li hekk jaghmel!

Kif intwera, l-*"kawza gusta"* biex taghti lok ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacia trid tkun rizultat ta' *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"*: f'dan il-kaz, dan il-bzonn impellenti ma jirrizultax.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza <u>"Bartoli vs Mizzi"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru, 1983, li ghandha fattispecie simili ghall-meritu ta' din il-kawza. Il-konvenut, f'dik il-kawza, ma ressaqx nota tal-eccezzjonijiet ghax qal li kien tilef dokumenti li kienu importanti ghall-kaz; il-Qorti tal-Appell osservat li din mhux raguni biex tiggustifika l-kontumacia, ghax il-konvenut kellu xorta wahda jikkontesta l-kawza *a bazi* tad-dokumenti u l-informazzjoni li kienu disponibbli ghalih fit-terminu lilu koncess bil-ligi.

Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrimarka li l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta deher fl-ewwel udjenza tal-kawza ma jiggustifikax il-kontumacia. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd", deciza fit-28 ta' Jannar, 2005, *"Din il-Qorti trid taghmilha cara li gustifikazzjoni meramert bazata fuq il-prezenza tal-parti mharrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita' gudizzjarja"*.

Il-konvenut jallega wkoll li l-kopja tac-citazzjoni li hu ircieva ma kienetx akkumpanjata mill-ammont li ghandu jithallas ghad-drittijiet tar-registru. Apparti l-fatt li l-konvenut naqas li jsostni din l-allegazzjoni (peress li ma esebix il-kopja tac-citazzjoni li hu ircieva), ma jirrizultax fil-ligi li l-kopja tac-citazzjoni li tohrog ghan-notifika ghandu jkollu dan it-taghrif. Huwa r-registratur tal-Qorti li jiddetermina l-hlasijiet li ghandhom isiru, u dan fil-mument li jigi ppresentat l-att. *Kwindi*, mhux kaz ta' invalidita' tan-notifika.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, taqta' u tiddeciedi billi b'referenza ghar-rikors tas-socjeta' konvenuta datat 17 ta' Ottubru, 2005, sabiex hija tiggustifika l-kontumacja taghha u tinghata fakolta' li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet, tichad l-istess talba kontenuta f'dan ir-rikors, bl-ispejjes ta' din id-decizjoni kontra l-istess socjeta' konvenuta.

Il-kawza qed tigi differita ghat-trattazzjoni taghha fil-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------